MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Numru 78/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**Spettur Mario Bonnici**
**V**
**JOSEPH DEBONO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH DEBONO** ta' sebgha w ghoxrin sena bin George u Doris nee Attard, imwieled Pieta nhar t-tnejn ta' Settembru 1974 u residenti 11, Triq San Bernard, Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 451174M gie mressaq quddiemha akkuzat talli mill-fond 'Ghomor', sitwat fi Triq Sliema, Gzira, nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa;

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema somma hija ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn

elf lira maltin ghad-dannu ta' John Cassar, liema serq huwa aggravat bil-mezz, lok u valur;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga acidentali w indipendenti mill-volunta tieghu, liema serq, li kieku sehh, kien ikun ta' somma flus kontanti ta' aktar minn elf lira maltin u dan ghad-dannu ta' John Cassar, liema serq li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-mezz, lok u valur;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fl-imsemmi fond liema hsara teccedi l-hamsin lira maltin ghad-dannu tal-istess sid;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici billi xjentement ghen jew assista lil awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnax ta' Frar 2003 esibit fl-att a fol 164 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tal-hamsa ta' Marzu 2003 a fol 166 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha ta' Frar 2002, **xehed Henry Dingli** li qal li nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2000, huwa kien niezel fi Triq Sliema, Gzira wara vann, u li s-sewwieq ta' dan il-vann kien l-imputat Joseph Debono. Qal li rah jirriversja sal-bieb tal-garr tieghu. Dan ix-xhud qal li ra lil imputat jsakkar il-bankina, jiftah il-bieba tal-vann u mill-gallarija tieghu setgha jinnota persuna liebsa barnuza blu bl-abjad f'rasha u gakketta blu u persuna ohra. Huwa xehed li nnota wkoll li wiehed minn dawn il-persuni, ipprova jidhol mill-bieb tal-garr billi beda jaghti bis-sieq.

Huwa gharaf lil imputat bhala s-sewwieq kemm waqt l-*identification parade* li nzammet fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2002 kif wkoll fil-Qorti u qal li l-imputat qaghad fil-vann il-hin kollu.

**L-Ex Spettur David Saliba xehed** li nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2002, huwa kien duty officer fis-CID meta ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar huwa gie nfurmat li kien dahal rapport fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Gzira, li fil-fond 'Ghomor', sitwat fi Triq Sliema, Gzira, proprjeta ta' John Cassar, kienet saret serqa ta' cirka hmistax il-elf u erbgha mitt lira maltin. Huwa ghalhekk acceda fuq il-post w innota diversi daqqiet ta' sgass fuq il-bieb principali. Huwa tkellem mal-garr ta' John Cassar li hu certu Henry Dingli, li qallu li ftit tal-hin qabel hu kien ra vann bin-numru ta' registrazzjoni FXG jew SXG 009 bir-reklam ta' FX Garage, ipparkjat mal-bieb ta' dan l-fond filwaqt li semgha diversi hsejjes. Qallu wkoll li ra xi nies li kienu mghammda.

L-Ex Spettur David Saliba kompla jixhed li minn investigazzjoni maghmula minnu rrizulta li l-vann FXG 009 kien gie mikri lil imputat mill-FX Garage kif jirrizulta mid-dokument esibit fl-atti u cioe l-kuntratt ta' kirja. Ghalhekk huwa baghat ghalih dakinhar stess w inzammet *identication parade* fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija u l-imputat gie identifikat bhala l-persuna li kienet qed issuq l-van dakinhar tas-serqa. Illi stqarr wkoll li waqt l-investrigazzjoni l-allegat derubat John Cassar kien sab il-flus li kien halla d-dar cioe hmistax il-elf lira, ghalkemm stqarr li kienu nsterqulu erbgha mitt lira maltin.

**Marika Borg** bint s-sid ta' FX Garage **ikkonfermat** li l-vann fil-jum tas-serqa kien mikri lil imputat.

**Id-derubati Doris u John Cassar, xehdu** li meta rritornaw lura d-dar minn Ghawdex nhar il-Hadd, sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2002, kienu nnotaw li kien hemm diversi sinjali ta' lieva fuq il-bieb ta' barra tal-fond residenzjali taghhom fuq indikat. Xehdu li huma sofrew danni fi hsarat fuq il-bieb ta barra, li kien hemm taqlib

estensiv u li kienu gew misruqa erbgha mitt lira maltin kif wkoll syntisizer u mobile phone.
Skond l-espert nominat mill-Qorti **Alfred Camenzuli**, is-serqa bhala valur kienet tammonta ghal hames mija u tmenin lira maltin filwaqt li l-hsara li giet kogjonata kemm fuq il-bieb principali kif wkoll fuq il-bieba tal-washing machine, li giet imqaccta, jammontaw ghal mija u hamsin lira maltin.

**Illi l-imputat ma xehedx** izda rrilaxxja stqarrrija nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2002 li tinsab esibita fl-atti a fol 29 li hija mmarkata bhala dokument DS 2, f'liema stqarrija l-imputat ezercita d-dritt tieghu li ma jitkellimx billi ma jirrispondi ghal ebda domanda in konnessjoni ma din is-serqa.

Illi ghalhekk dwar il-fatt tal-kaz, il-Qorti ghandha biss dik il-versjoni tal-fatti kif esposta mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li ma hiex michuda jew kontestata mill-imputat.

Ghalhekk il-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti u cioe li l-imputat kien bil-vann mikri lilu minn FX Garage nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2003, flimkien ma zewg persuni ohra mghammda quddiem d-dar li giet derubata fil-hin li saret is-serqa.  Illi huwa kien il-hin kollu fil-vettura bhala sewwieq waqt li shabu kienu mghammda jisgassaw il-bieb ta' barra tal-fond li effettivment gie derubat, liema fond huwa proprjeta ta' l-konjugi Cassar.  Illi l-konjugi Cassar ikkonfermaw li huma sofrew danni fl-ammont ta' hames mija u tmenin lira maltin rappresentanzi valur ta' serq u mija u hamsin lira maltin rappresentanti valur ta' hsarat kogjonati.

Illi ghalhekk in vista ta' dawn il-fatti **l-Qorti tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEPH DEBONO hati ta' komplicita** f'serq lli sehh nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 fil-fond 'Ghomor', Triq Sliema, Gzira, **pero ma ssibux hati tal-akkuza ta' hsara voluntarja** peress li ma jirrizultax li l-imputat kien komplici jew assista fil-hsara li gew kongjonati fil-fond u peress li huwa kien baqa barra ma jirrizultax li kien hemm xi *common design* biex jikkommettu dan r-reat ta' hsara voluntarja.

Dwar il-komplicita tal-imputat fir-reat ta' serq aggravat bil-lok, mezz u valur dan jirrizulta ghaliex il-fatt li huwa kien barra fil-vann waqt li l-lomplici dahlu gewwa jfisser li huwa kien qed jassistihom u jghinhom sabiex d-delitt ta' serq jigi kkunsmat. Ma hemmx dubbju li l-imputat kien konxju tad-delitt li kien qed jitwettaq, li huwa kellu l-intenzjoni li jghinhom billi fil-fatt qaghad barra fil-vann u li tali assistenza kienet qed tghin lil komplici fil-kommissjoni tar-reati odjerni.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41, 42, 325(b), 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279, u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEPH DEBONO hati talli kien komplici fis-serqa aggravata bil-lok, bil-mezz u bil-valur u tilliberah mill-akkuzi l-ohra.**

**Dwar il-piena, il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat u cioe dik esibita a fol 7 et seq tal-atti odjerni, liema fedina penali hija wahda relattivament nadifa, salv ghal akkuza wahda registrata fis-sena 1995 meta nstab hati dwar reat naxxenti mill-Ordinanza tat-Telekommunikazzjoni meta nghata unconditional discharge ghal perjodu ta' sitt xhur.**

**Rat li l-ammont bhala valur tas-serq ma kienx daqstant kbir, u ghalhekk fic-cirkostanzi, thoss li piena karcerarja sospiza hija l-piena idoneja f'dan il-kaz.**

**Ghalhekk il-Qorti in vista tas-suespost tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat JOSEPH DEBONO ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal tlett snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Matla u ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil imputat jhallas is-somma ta' sebgha mija u tletin lira maltin lid-derubati konjugi Cassar bhala kumpens rappresentanti t-telf, danni u hsarat li sofrew permess ta' dawn r-reati, u dan fi zmien sitt xhur mill-lum.**

**Il-Qorti spjiegat lil imputat fi kliem car l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservaha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------